# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 501/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Geoffrey Galea**

Seduta tal- 10 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Geoffrey Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 383170M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Gunju 2003 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. Traffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr

awtorizzazzjoni specjali bil-mitkub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija effettivi u multa ta' tmien mitt Euro (€800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, setghet tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija;

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JM 1, hekk kif dik is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal biex jiddokumenta d-distruzzjoni. Ordnat ukoll l-konfiska tas-somma ta' hamsa u disghin Euro u hamsin centezmu (€95.50) ekwivalenti ghal wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm41), formanti parti minn Dokument JM 2, favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt li ordnat r-rilaxx tar-rimanenti bilanc ossia s-somma ta' mitejn u tletin Euro u wiehed u sittin

centezmu (€230.61) ekwivalenti ghas-somma ta' disgha u disghin Lira Maltin (Lm99) favur il-hati.

Stante illi ma kienux mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Geoffrey Galea, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar, tirrevoka u tikkancella** s-sentenza appellata u b'dana li ma ssibx lill-appellant hati u minnhom tilliberah, jew alternativament **tvarja** s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena inflitta fuq l-appellant;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant iressaq ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti tlett aggravji li jindirizzaw il-gravam tieghu ghas-sejbien ta' htija tieghu mill-ewwel Qorti, kif ukoll aggravju alternattiv rigwardanti l-piena. L-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant huma dwar l-istqarrija tieghu li hu ta lill-Pulizija fl-istadju investigattiv liema stqarrija huwa itenni li ghandha tkun skartata minn din il-Qorti

minkejja li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ddecidew kontra tali mozzjoni u r-rifjut tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li tezama il-lanjanza tieghu qabel ma jkun ezawrixxa r-rimedji kollha;

2. Ezaminata bir-reqqa s-sentenza tal-ewwel Qorti jemergi illi din hija gurisprudenzjalment u temporalment korretta fejn si tratta tal-valur probatorju tal-istqarrija tal-imputat. Wara rassenja ta' sentenzi tal-Qrati taghna kif ukoll tal- Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem l-ewwel Qorti ddecidiet b'mod studjat illi l-istqarrija tal-imputat kellha tittiehed in konsiderazzjoni bhala parti mill-provi tal-prosekuzzjoni. Minn dakinhar 'l hawn, izda, kien hemm bdil ta' portata qawwija fil-hiseb dwar il-validita' ta' stqarrija moghtija lill-Pulizija minn suspettat meta dan ma jkunx inghata d-dritt tal-assistenza legali qabel tali interrogatorju, liema hsieb ghadu ukoll fi stat evoluttiv li fil-prezent jaggira fuq kemm l-assistenza titqies li tkun rifless tal-veru dritt legali meta l-interrogatorju jkun sar fl-assenza ta' avukat partecipanti fl-istess interrogatorju;

3. Wara s-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Borg vs Malta tat-12 ta' Jannar, 2016, konsiderata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Carmel Saliba vs l-Avukat Generali, kien hemm kapovolgiment tal-hsieb kif ravvizat fis-sentenza Charles Stephen Muscat meta rriteniet illi "ghalhekk illum [il-Qorti] hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-kaz ta' Muscat, ghalkemm ittenni li ghandha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens." Il-posizzjoni legali llum ghalhekk hi li l-Qorti mghadhiex tiehu in konsiderazzjoni stqarrija ta' imputat mehuda fin-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat meta dik l-istqarrija jista' jkollha konsegwenzi pregudizzjali;

4. Fil-kaz odjern, l-appellant kien arrest fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Gunju 2003 waqt attivita' f'Ta'Qali u fuq il-persuna tieghu instabu 23 pillola suspettati *ecstasy*. Huwa ttiehed il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u fl-1 ta' Lulju rrilaxxja stqarrija. Il-Pulizija ghazlu li jibdew proceduri kriminali kontra l-imputat xejn aktar minn sitt snin wara u din l-istqarrija kienet esebita quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2010. Minn ezami tal-atti jemergi illi l-provi tal-prosekuzzjoni kienu limitati ghall-istqarrija tal-imputat, deposizzjoni tal-Ispettur Prosekutur dwar l-istqarrija u dik ta' PC 10 li xehed li mill-but tal-imputat kien eleva 23 pillola li kienu esebiti in atti fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2012. Fuq dawk il-pilloli qatt ma sar ezami xjentifiku;

5. L-appellant kien talab u ottjena diversi differimenti sabiex ikunu konkluzi proceduri minnu proposti quddiem il-Qrati Civili kif inghad supra u wara li dawn kienu konkluzi, l-ewwel Qorti ghaddiet minnufih biex tikkonkludi il-kaz odjern;

6. L-istqarrija tal-appellant inghatat fi zmien meta d-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju kien ghadu mhux rikonoxxut mill-legislatur. Ghal precizzjoni dan id-dritt kien legislat fis-sena 2002 izda dahal fis-sehh biss tmien snin wara. Din ghalhekk ittiehdet fi zmien meta kien hemm "a systematic restriction applicable to all accused persons" (Borg vs Malta) u ghalhekk din il-Qorti sejra minnufih tinjora l-istqarrija tal-imputat ;

7. Din l-istqarrija kienet l-unika prova kontra l-imputat migjuba quddiem l-ewwel Qorti kwantu l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar u bejgh ta' medicina psikotropika. Mill-bqija ma hemm l-ebda prova ohra, diretta jew indizzjara, li tista' b'xi mod titqies kontra l-imputat u minghajr tlaqliq din il-Qorti ser tghaddi biex biex takkolji l-ewwel u t-tieni aggravji;

8. It-tielet gravami tal-appellant huwa dwar it-tieni mputazzjoni, dik ta' pussess ta' medicina psikotropika f'cirkostanzi li kienet turi li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Anke hawn,

l-imputat ghandu ragun. Injorata l-istqarrija tal-imputat, fl-atti processwali jirrizultaw esebiti 23 pillola li, in mankanza ta' ezami xjentifiku fuqhom, ma jistghax u m'ghandux ikun b'xi mod prezunt li dawn huma medicina ristretta jew kontrollata. Kull konsiderazzjoni ohra in rigward tkun inutili u ghalhekk anke it-tielet aggravju qed ikun akkolt;

9. In vista li din il-Qorti sejra tilqa l-ewwel tlett aggravji, ma hemmx htiega li jkun ezaminat ir-raba aggravju dwar il-piena;

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tilqa l-ewwel talba tal-appellant, qed thassar is-sentenza appellata u konsegwentement qed tillibera lill-appellant minn kull htija u piena. Thassar ukoll kull ordni ghall-konfiska tal-flejjes. Tordna d-distruzzjoni tat-23 pillola esebiti in atti u dan taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qrati li ghandu jhejji *process verbal* li ghandu jkun inserit fl-atti fi zmien hmistax-il jum mil-lum.